MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 48/2013

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fil-25 ta' Jannar 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (1) jirrevoka d-decizjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) dwar l-oggezzjonijiet tieghu ghas-snin ta' stima mill-1995 sa' l-2005 u konsegwentement jikkancella l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima stante li: (i) il-Likwidazzjonijiet ta' taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002 huma preskritti u ghalhekk nulli u bla effett; (ii) huwa ddikjara korrettament l-*income* tieghu fil-prospetti ta' taxxa tas-snin ta' stima in kwistjoni, u (2) minflok jiddikjara li: (a) ebda taxxa ma hi dovuta minnu ghas-snin ta' stima in kwistjoni; (b) ma hemm ebda taxxa addizzjonali x'tithallas; u ghaldaqstant (c) ma hemmx imghax impost fuq is-snin ta' stima in kwistjoni, bl-ispejjez kontra id-Direttur Generali (Taxxi Interni);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 7 sa' 21 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jitlob li minflok jikkonferma: (a) il-Likwidazzjonijiet ta' Rifjut ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 tal-5 ta' Dicembru 2012; (b) il-Likwidazzjonijiet ta' Rifjut ghas-snin ta' stima 1995, 1996 u 1997 tat-18 ta' Dicembru 2012; (c) il-Likwidazzjonijiet ta' Rifjut ghas-sena ta' stima 1998 tad-19 ta' Dicembru 2012;

(d) l-Avvizi ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 tat-12 ta' Dicembru 2012; u (e) l-Avvizi ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998 tad-19 ta' Dicembru 2012;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB21" a fol. 35 sa' 174 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tad-29 ta' April 2013[1], il-partijiet kontendenti qablu li l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal jaghti decizjoni dwar dawk is-snin ta' stima fir-rigward ta' liema r-Rikorrent qed jissolleva l-preskrizzjoni;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent esebit permezz ta' Nota pprezentata fid-29 ta' April 2013 a fol. 184 sa' 186 tal-process, sema' x-xhieda ta' Elaine Bartolo, in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Lulju 2013[2] u ta' l-14 ta' Novembru 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "EB1" sa' Dok. "EB3" a fol. 190 sa' 243 tal-process u Dok. "EB4" a fol. 254 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti fir-rigward ta' l-aggravju tal-preskrizzjoni;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002 inhargu meta kien skada t-terminu legali ghall-hrug ta' l-istess; (ii) il-qligh tieghu kien dak minnu dikjarat fil-prospetti tat-taxxa relattivi u mhux dak stmat mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fil-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu; u (iii) ma hija minnu dovuta l-ebda taxxa addizzjonali w imghax.

Fid-dawl ta' tali aggravji r-Rikorrent jitlob ir-revoka tad-decizjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) dwar l-oggezzjonijiet tieghu ghas-snin ta' stima mill-1995 sa' l-2005 u konsegwentement il-kancellament tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga kontra tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima u minflok jigi dikjarat li: (a) ebda taxxa ma hi dovuta minnu ghas-snin ta' stima in kwistjoni; (b) ma hemm ebda taxxa addizzjonali x'tithallas; u ghaldaqstant (c) ma hemmx imghax impost fuq is-snin ta' stima in kwistjoni, bl-ispejjez kontra id-Direttur Generali (Taxxi Interni).

---

[1] Fol. 183 tal-process.
[2] Fol. 244 sa' 252 tal-process.
[3] Fol. 255 u 256 tal-process.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi[4], jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda stante li ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u minflok id-decizjonijiet tieghu ghar-Rifjut ta' Oggezzjoni u konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima mill-1995 sa' l-2005 jigu ikkonfermati. Huwa jikkontendi li kuntrarjament ghal dak affermat u pretiz mir-Rikorrent, il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001, 2002 ma humiex preskritti, l-aggravju tar-Rikorrent relattiv ghall-profitti maghmula minnu huwa insostenibbli u finalment li t-taxxa addizzjonali u imghax likwidati huma dovuti mir-Rikorrent skond il-Ligi.

Waqt is-seduta tad-29 ta' April 2013[5] il-partijiet kontendenti qablu li qabel ma jidhol fil-meritu ta' l-appell interpost mir-Rikorrent, it-Tribunal ghandu l-ewwel u qabel kollox jittratta u jiddeciedi l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent fir-rigward ta' snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002. Fid-dawl ta' dan ghalhekk din id-decizjoni se tkun limitata biss ghall-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent fir-rigward tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa relattivi ghall-imsemmija snin ta' stima.

Qabel ma jittratta da l-aggravju però t-Tribunal ghal kull buon fini jaghmel referenza ghall-Artikolu 3(3), (4) u (5) ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli llum, li jipprovdu illi *mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju [ossia l-Kummissarju tat-Taxxi] u jigu ezercitati minnu u kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana f'kull ligi ghandha tinqara u tinftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi; (4) (a) Il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa lil kull ufficjal tad-dipartimenti tat-taxxa. (b) Kull delega maghmula taht dan is-subartikolu ghandha tigi pubblikata mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta. (c) Minkejja kull ligi ohra, meta ufficjal ikun gie delegat xi funzjoni mill-Kummissarju taht il-paragarfu (a), l-ufficjal ghandu jkun responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti permezz tal-Kummissarju. (d) Il-Kummissarju jista', f'kull zmien, bi qbil mill-Ministru, jiehu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uhud minnhom, li jkunu gew delegati taht dan is-subartikolu. Avviz dwar it-tehid lura ta' funzjonijiet ghandu jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. (e) Meta l-Kummissarju jiehu lura funzjonijiet li kienu gew delegati lil persuna ohra taht dan is-subartikolu, huwa jiehu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti gudizzjarji u l-azzjonijiet kollha maghmula, mibghuta, prezentati, mibdija jew mehuda minn jew f'isem jew kontra dik il-persuna ohra bis-*

[4] Artikolu 3 tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta w Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014.
[5] Fol. 183 tal-process.

*sahha ta' l-imsemmija delega; (5) Il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).*

B' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi ippublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi kien b'effett mill-20 ta' Jannar 2012 iddelega fost affarijiet ohra r-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda *inter alia* taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* [Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta] u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta] lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Dak l-Ordni fil-fatt kien jipprovdi illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghall-finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: ... (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferiment, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Dehem u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahthom ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxi Interni). ... Din l-Ordni u id-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012...* Bis-sahha ta' tali Ordni ghalhekk kien id-Direttur Generali (Taxxi Interni) li kellu jitqies bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri.

B'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura id-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fih taht fost ohrajn l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 u mill-imsemmija data, *id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju*

*ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha ta' l-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

Minn dak provdut fl-Artikolu 3(4)(e) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-imsemmija Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet johrog car li b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi rega' assuma mill-gdid ir-rapprezentanza giudizzjarja tal-Gvern fi proceduri nascenti minn u konnessjoni ma', fost ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u ghalhekk illum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri minflok id-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ghalkemm illum l-Awtorità intimata f'dawn il-proceduri huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux iktar id-Direttur Generali (Taxxi Interni), it-Tribunal iqis li ma hemmx il-htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri stante li a tenur tarRegolament 2 tar-Regolamenti Dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghallKarigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-Iskeda [fosthom Direttur Generali (Taxxi Interni)] ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni gudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fittieni kolonna ta' l-Iskeda [ossia Kummissarju tat-Taxxi] u dan b'mod illi lkliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira w effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Iccarata din il-kwistjoni t-Tribunal se jghaddi biex jittratta l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent fir-rigward tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002.

Ir-Rikorrent jaqsam il-kontestazzjoni tieghu dwar it-terminu entro liema inhargu fil-konfront tieghu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002, fuq zewg binarji:

(A) In kwantu rigwarda l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-**snin ta' stima 1995 sa' 1998** jikkontendi li dawn huma preskritti a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 30(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta: *l-istima ghal xi sena ta' stima, li ssir b'mod konformi ma' u skont xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu* ***ghandha issir matul dik l-istess sena ta' stima jew matul it-tmien snin li jigu wara l-iskadenza taghha***[6]*: Izda f'kazijiet fejn ma jkunx ghad hemm decizjoni finali jew sentenza finali, l-avviz ta' stima li jinghata lil persuna wara li jiskdau l-perjodi specifikati f'dan is-subartikolu ma ghandux jikkostitwixi u ma ghandu jitqies bhala li qatt ma kien jikkostitwixxi raguni beix dik l-istima jew*

[6] Enfasi tat-Tribunal.

*avviz dwarha jigu iddikjarati b'kull mod preskritti jew xort' ohra soppressi, jekk dik l-istima tintbaghat sa mhux izjed tard mill-31 ta' Dicembru 2007: Izda wkoll meta dak l-avviz ma jinghatax sal-31 ta' Dicembru 2007 ghaliex il-persuna ma tkunx tista' tinsab jew ghal ragunijiet attribwibbli ghaliha, dik l-istima ghandha titqies li tkun giet avzata kif imiss jekk, mhux izjed tard mill-31 ta' Dicembru 2008 il-Kummissarju jippubblika avviz fil-Gazzetta u f'xi gurnal wiehed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dik l-istima tkun saret u jistieden lill-persuna biex tmur tigborha mid-Dipartiment*; u

(B) In kwantu rigwarda l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-**snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002** jikkontendi li huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta: *stima jew stimi addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-artikolu 10(1) sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u* ***mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena jew li fiha tkun saret ghazla taht l-artikolu 12 ghal dik is-sena***[7].

Ir-Rikorrent jikkontendi li siccome l-Likwidazzjonijiet tat-Taxxa ghas-snin appena imsemmija nahrgu fl-**2008**, isegwi li kemm il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998 kif ukoll il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 huma preskritti.

Jikkontendi wkoll li l-Artikoli tal-Ligi invokati mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) biex jiggustifika l-azzjoni tieghu kontra r-Rikorrent, ossia l-Artikolu 30(5) u l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta *joholqu eccezzjoni ghar-regola u ghalhekk japplikaw biss fic-cirkostanzi specifici msemmija fihom. Mhux bizzejjed illi jkun hemm diskrepanza bejn dak li jkun iddikjara t-taxpayer u dak li d-Direttur Generali jidhirlu li kellu jigi dikjarat izda jrid jirrizulta li dik id-diskrepanza kienet dovuta ghal dawk ic-cirkostanzi specifici. Ir-rikorrent ghamel id-dikjarazzjonijiet kollha li kien tenut jaghmel skont il-ligi, u ghamilhom b'mod komplet u veritier. Id-diskrepanza bejn dak li ddikjara l-esponenti fil-prospetti tat-taxxa tieghu u dak li d-Direttur Generali jippretendi li kellu jigi dikjarat kienet rizultat ta' back duty exercise. L-appellant jsostni li dak l-ezercizzju ma sarx korrettement u ma tax rizultat korrett. Fi kwlaunkwe kaz, ezercizzju bhal dak jindika, se mai, diskrepanza matematika fuq medda ta' snin izda qatt ma jammonta ghal prova li kien hemm xi qerq jew frodi jew negligenza jew intenzjoni ta' evazjoni da parti tat-taxpayer. Fil-fatt, l-ezercizzju ma jammontax ghal prova li d-diskrepanza kienet dovuta ghal xi raguni partikolari u, wisq inqas, ghac-cirkostanzi specifici msemmija fl-artikoli 30(5) u 31(7). Kif ritenut anke mill-Qorti ta' l-Appell, l-oneru tal-prova ta-cirkostanzi imsemmija f'dawk il-provvedimenti qieghed fuq id-Direttur Generali u, fin-nuqqas ta' din il-prova l-istimi*

---

[7] Enfasi tat-Tribunal.

*mahrugin wara t-terminu legali ghandhom jigu dikjarati preskritti u ghalhekk nulli u bla effett*[8].

Kif già osservat, id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jilqa' ghal dan l-aggravju tar-Rikorrent billi jinvoka favur tieghu, ossia favur il-fatt li nhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Stima fil-konfront tar-Rikorrent fl-**20 ta' Awwissu 2009** in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998 u fit-**2 ta' Awwissu 2008** in kwantu rigwarda s-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002, dak provdut fl-Artikolu 30(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta [Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995-1998]: *minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), meta persuna ma tkunx baghtet lill-Kummissarju l-prospetti mehtiega bl-Atti dwar it-Taxxi ghal xi sena ta' stima li tigi qabel is-sena ta' stima 1999 jew* ***ma ddikjaratx b'mod komplet u veritier kull fatt materjali mehtieg ghall-istima taghha ghal xi sena u b'hekk tevita t-taxxa, il-Kummissarju, meta jidhirlu li dak li sar jkun dovut ghal frodi jew evazjoni***[9]*, jista' f'kull zmien jaghmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew ammont addizzjonali hekk kif skont l-ahjar gudizzju tieghu dik il-persuna kellha tigi intaxxata u ghandu jiehu passi biex isir il-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali jew penali,* u dak provdut fl-Artikolu 31(7) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta [Likwidazzjonijiet ta' Taxxa 1999, 2000, 2001 u 2002]: *minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna: (a)* ***tkun baghtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx zvelat il-fatti materjali kollha rilevanti ghalbiex jigi determinat l-income u t-tnaqqis permess****; jew (b)* ***bil-ghan li tigi evitata t-taxxa jew bi traskuragni kbira jew konsapevoli tkun baghtet lill-Kummissarju prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali***[10]*, stima jew stima addizzjonali taht is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara z-zmien stipulat skont ma hemm f'dan l-Att ghar-rigward tal-konsenja tal-prospett ta' l-income ghal dik is-sena.* Apparte dan fir-rigward tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi ulterjorment jew ahjar alternattivament li *l-istimi mharuga mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 mhumiex preskritti inkwantu fit-30 ta' Mejju 2008 l-appellant issottometta formoli ta' aggustament ghal dawk is-snin u ghalhekk il-likwidazzjonijiet ta' l-esponent inhargu fi zmien* ***hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ulterjuri*** *a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31(6) tal-Kap.372.*

Esposti l-kontestazzjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti t-Tribunal se jittratta l-ewwel il-kwistjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 ma humiex preskritti a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex inhargu entro t-terminu ta' hames snin minn meta r-Rikorrent

[8] Para. 12 sa' 14 tar-Rikors promotur.
[9] Enfasi tat-Tribunal.
[10] Enfasi tat-Tribunal.

issottometta formoli ta' aggustament ghad-dikjarazzjonijiet ta' l-*income* tieghu ghal dawk is-snin ta' stima.

Mill-provi prodotti jirrizulta li r-Rikorrent ghamel id-dikjarazzjonijiet ta' l-*income* tieghu ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 fis-segwenti dati:

- 27 ta' Lulju 1999 – sena ta' stima 1999[11];
- 1 ta' Gunju 2000 – sena ta' stima 2000[12];
- 27 ta' April 2001 – sena ta' stima 2001[13]; u
- 30 ta' April 2002 – sena ta' stima 2002[14].

Jirrizulta wkoll illi fit-**30 ta' Mejju 2008**[15] id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ircieva w accetta Formoli ta' Aggustament sottomessi mir-Rikorrent ghall-istess imsemmija snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002[16].

A tenur ta' l-Artikolu 13(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta *persuna li tkun baghtet prospett ta' l-income tista'* ***f'kull zmien qabel ma ssir stima taht l-artikolu 31 taghmel dawk il-korrezzjonijiet jew zjidiet f'dak il-prospett li tqis mehtiega billi tibghat prospett iehor b'dak il-mod u fuq dik il-formola li tista' tigi preskritta***[17]. Fid-dawl ta' l-iskop u natura ta' aggustament ghad-dikjarazzjoni ta' l-*income* già sottomessa, l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta gustament jipprovdi li *stima jew stimi addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-artikolu 10(1) sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income* ***jew prospett ulterjuri***[18] *ghal dik is-sena jew li fiha tkun saret ghazla taht l-artikolu 12 ghal dik is-sena.*

Minn din l-ahhar disposizzjoni tal-Ligi jirrizulta b'mod car li kemm-il darba *taxpayer* jissottometti propsett ulterjuri, ossia Formola ta' Aggustament, li bih jikkoregi jew izid id-dhul minnu dikjarat fil-prospett originali t-terminu ta' hames snin ghall-fini li tinhareg stima mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward tas-sena/snin ta' stima milquta b'dak l-aggustament jerga' jibda jiddekorri minn tmiem is-sena li fiha jigi sottomess dak il-prospett ulterjuri. Fil-kaz in ezami jirrizulta li ghalkemm ir-Rikorrent issottometta l-Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 tul il-kors ta' l-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tieghu, huwa ssottomettihom **qabel** ma nhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghall-imsemmija snin ta' stima – ossia ssottomettihom f'**Mejju 2008** – u l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa

[11] Fol. 194 sa' 198 tal-process.
[12] Fol. 199 sa' 203 tal-process.
[13] Fol. 204 sa' 207 tal-process.
[14] Fol. 208 sa' 213 tal-process.
[15] Dok. "EB2" a fol. 229 sa' 232 tal-process.
[16] Dok. "GB5-1" sa' Dok. "GB5-4-2" a fol. 54 sa' 61 tal-process.
[17] Enfasi tat-Tribunal.
[18] Enfasi tat-Tribunal.

relattivi inhargu fit-**2 ta' Awwissu 2008**, quindi ben entro t-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrent issottometta li ghalkemm huwa dahhal Formoli ta' Aggustament ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002, dawk il-Formoli ma ghandu jkollhom l-ebda effett fuq il-kwistjoni tat-terminu entro liema inhargu il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tieghu ghall-imsemmija snin ta' stima ghaliex b'dawk l-aggustamenti huwa kien aggusta d-dikjarazzjoni originali tieghu fir-rigward ta' investimenti li kellu filwaqt li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kienu relattivi ghall-*income* min-negozju tieghu.

It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni tar-Rikorrent ghar-raguni illi fil-prospett ta' l-*income* tieghu *taxpayer,* inkluz ghalhekk ir-Rikorrent, ghandu jiddikjara *dawk il-partikolaritajiet, dikjarazzjonijiet, kontijiet, kalkoli jew dokumenti ohra li jkunu mehtiega sabiex l-**income**[19] u it-tnaqqis permess ta' dik il-persuna u t-taxxa li tithallas minn, jew li tithallas lura lil dik il-persuna jkunu jistghu jigu accertati malajar skond u ghall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi*[20]. A tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta t-tifsira ta' ***income*** hi – *hlief ghall-finijiet ta' l-Artikolu 4(1) u tat-Taqsima IV tinkludi qligh kapitali kif imfisser fl-artikolu 5*, it-tifsira ta' ***income*** **taxxabbli** hi – l-***income kollu ta' persuna f'xi sena***[21] u t-tifsira ta' ***income totali*** hi – *l-**ammont aggregat ta' l-income**[22] ta' kull persuna kif specifikat fit-Taqsima II ta' dan l-Att, li jifdal wara li jitqiesu l-ezenzjonijiet skont it-Taqsima III, u t-tnaqqis skont it-Taqsima IV u maghdudin skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V. Izda bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12(3)(b) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kull income li mhux mehtieg li jintwera u li ma jintweriex skont id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxi ma jaghmilx parti mill-income totali.*

Minn dawn id-disposizzjonijiet johrog car li l-Ligi b'mod generali u salv kwistjonijiet ta' tnaqqis jew sitwazzjonijiet fejn dhul partikolari ma jehtiegx li jigi dikjarat, ma taghmilx distinzjoni fid-dhul tat-*taxpayer* skond l-origini tieghu u t-*taxpayer* huwa obbligat li jiddikjara d-dhul taxxabbli kollu tieghu fil-prospett ta' l-*income* li jissottometti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ladarba d-dikjarazzjoni li jrid jaghmel it-*taxpayer* fil-prospett ta' l-*income* hija tad-dhul taxxabbli tieghu, aggustament ta' dak minnu dikjarat fil-prospett ta' l-*income* originali huwa **aggustament tad-dhul** minnu dikjarat indipendentement mill-fatt jekk ikunx qed jaggusta l-figura dikjarata jew mhux dikjarata bhala dhul minn sengha, negozju jew professjoni jew il-figura dikjarata jew mhux dikjarata bhala dhul minn investiment.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu appena osservat it-Tribunal iqis li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa

[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Artikolu 10(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.
[21] Enfasi tat-Tribunal.
[22] Enfasi tat-Tribunal.

ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 ma humiex preskritti a tenur ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-konkluzzjoni qed tigi raggunta minghajr pregudizzju ghall-osservazzjonijiet li se jaghmel it-Tribunal iktar 'l quddiem f'din id-decizjoni fir-rigward ta' l-applikabilità ta' dak dispost fl-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni tal-frodi w evazjoni invokata mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent sabiex jiggustifika l-hrug ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa oltre t-terminu ta' tmien snin previst fil-Ligi ghal dak li jirrigwarda s-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998, u anke, b'mod sussidjarju, ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 fejn il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa nhargu oltre t-terminu ta' hames snin mis-sottomissjoni tal-prospetti ta' l-*income* originali tar-Rikorrent.

L-oneru tal-prova f'tali cirkostanza, ossia meta l-Kummissarju tat-Taxxi jinvoka favur tieghu l-Artikolu 30(5) u/jew l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta biex jiggustifika l-hrug ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa oltre t-terminu statutorju previst fil-Ligi, jinkombi fuq l-istess Kummissarju. In effetti kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** pronuncjata fil-31 ta' Mejju 1971, fejn iccitat l-insenjamenti tad-decizjoni Hudson v. Humbles, *it is well established that, where the Revenue makes an assessment which would be out of time apart from the proviso to subsection (1), (fil-kaz taghna at 53(2))* [u fil-kaz odjern l-Artikoli 30(5) u 31(7)] *the burden lies upon the Revenue to establish that some form of fraud or wilful default (fil-kaz taghna fraud or evasion) has been committed by the taxpayer in connection with or in relation to Income Tax. If the Revenue succeeds at this stage, the burden then shifts to the taxpayer to displace the assessment – for example, on the ground that it is excessive in amount*[23].

Dwar il-grad tal-prova mehtieg mill-Kummissarju tat-Taxxi f'tali cirkostanza l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni,** pronuncjata fl-20 ta' Jannar 1992[24], osservat illi *jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinvoka d-dritt tieghu li allavolja jkunu ghaddew aktar minn tmien snin huwa xorta johrog Likwidazzjoni addizzjonali fit-termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.123, it-taxpayer ghandu dritt jitlob li l-istess Kummissarju almenu jipprova li kellu prima facie raguni biex jifforma fehma li kien hemm qerq jew evazjoni skond il-kaz. Jidher mill-ligi li l-oneru tal-prova f'kazijiet normali jaqa' fuq it-taxpayer, però f'kazijiet fejn isiru Likwidazzjonijiet oltre l-perijodu preskrittiv il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhal ma gie deciz minn din il-Qorti fil-kaz Nru.81 fil-31 ta' Mejju 1971 jista' jigi miltub jipprova li verament ifforma l-fehma li kien hemm qerq jew*

[23] Kawza Nru. 81, Decisions of the Court of Appeal, Volum 3 pg. 1 sa' 22.
[24] Kawza Nru. 159b, Decisions of the Court of Appeal, Volum 4 pg. 358 sa' 368.

*evazjoni u fuq liema bazi wasal ghaliha. M'ghandux l-oneru li jipprova li ghandu ragun izda li ma wasalx ghall-Likwidazzjoni kapriccozament*[25].

Fil-fehma tat-Tribunal fil-kaz in ezami d-Direttur Geneali (Taxxi Interni) irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998, u anke ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 (ghalkemm dawn ta' l-ahhar già ma jistghux jitqiesu bhala preskritti in kwantu nhargu entro hames snin mill-Formoli ta' Aggustament sottomessi mir-Rikorrent) ma nhargux kapriccozament izda ghaliex verament ifforma l-fehma li kien hemm qerq jew evazjoni da parte tar-Rikorrent fid-dikajrazzjonijiet tad-dhul tieghu ghas-snin ta' stima in kwistjoni.

Mix-xhieda ta' Elaine Bartolo, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), essenzjalment irrizulta li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima meritu ta' dan l-appell, ossia mill-1995 sa' l-2005, inkluzi ghalhekk dawk is-snin ta' stima li skond ir-Rikorrent huma preskritti, inhargu in segwitu ghal *back duty exercise* li sar mid-Dipartiment dwar l-akkrexximent tal-kapital tar-Rikorrent tul is-snin sotto investigazzjoni minn liema rrizulta kumulu ta' assi kapitali li ma setax jigi spjegat mid-dikjarazzjonijiet li r-Rikorrent kien issottometta lid-Dipartiment u baqa ma giex minnu spjegat.

Fir-rigward, waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2013[26] Elaine Bartolo iddikjarat *l-assessments inhargu ghas-snin ta' stima 1995 sas-sena ta' stima 2005 kienu rizultat tal-back duty exercise f'isem id-dipartiment fejn irrizulta li fuq dan iz-zmien ta' eleven years l-appellant kellu kumulu ta' assi kapitali li ma setax jigi spjegat mid-dikjarazzjonijiet li hu ghamel fil-formoli tat-taxxa tieghu ghal dak il-perjodu. ... meta hdimna l-capital accretion exercise rrizulta li kellu accumulated assets li ma setghux jigu spjegati skont l-income li iddikjara hu mis-sena 1995 sas-sena 2005 allura tigi qisu hu ma ddikjarax kollox ghall-fini ta' taxxa. ... In fatti fil-back duty irrizulta li kien hemm income li mhux iddikjarat ta' 26,000* [dan huwa l-ammont li a bazi tieghu gew rifjutati l-oggezzjonijiet tar-Rikorrent u b'hekk giet stabbilita t-taxxa dovuta bid-decizjonijiet mehuda mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-2012] *ghal dawk is-snin bejn l-1995 u l-2005 u ghandi kopja tal-capital accretion* – Dok. EB3 – *minn fejn jirrizulta s-26,000 unexplained income. Bazikament hadna l-income li kellu mis-sena 1995 sas-sena 2005 li kellu trading income, capital gains, bank interest u kellu xi bejgh ta' xi karozzi. Bhala outgoings naqqasnilu l-ispejjez bhal N.I., it-taxxa li kien hallas, xi capital gains payments, xi kiri ta' karozzi li kellu, il-motor vehicle insurance, kellu xi loak repayments ukoll u life policy u living expenses. ... jidhru hawnhekk f'ta' kull sena fir-returns li tajtkom u x'hin innaqsu l-income li kien iddikjara u naqqasna l-outgoings jidher li l-possible savingts kien bin-negative. Issa imbaghad hadna l-assets u l-liabilities li kellu fis-sena 1993 u l-assets u l-*

[25] Sottolinear tat-Tribunal.
[26] Fol. 244 sa' 252 tal-process.

*liabilities li kellu fis-sena 2004. Kellu residenza li baqghet l-istess, kienet ghandu fis-sena 1993 u kif ukoll fis-sena 2004, il-garaxx, kellu xi karozzi li tnejn minnhom ma kienux ghandu fis-sena 1993 izda kienu ghandu fis-sena 2004 u kellu karozza wahda li kienet ghandu fis-sena 1993 u kien lahaq bieghha mbaghad u allura ma kinitx ghandu fis-sena 2004. Hadna l-bank balances skont li kien mela hu fl-istatement of affairs. L-istatement of affairs hemm kopja taghha mar-risposta wkoll, il-cash in hand l-istess li nizzel hu fl-istatement of affairs u l-closing stock. Issa l-closing stock tas-sena 1993 ma kellniex ir-return allura hadna l-average ta' xi snin, hemm nota, hadna average ta' fours years biex wasalna ghall-closing stock as at 31st December 1993. Din hemm nota ma' l-exercise kif wasalna ghalih u liabilities kellu zewg loans tal-BOV skond li nizzel hu fl-istatement of affairs u ghalhekk jigu x'hin naqqasna n-net worths tas-sena 2004 milli kellu fis-sena 1993 imbaghad zidna l-possible savings jidher li kellu unexplained funds ta' 26,391. Imbaghad gie mifrux fuq l-eleven years dak it-26,000, kellu an increased income ta' 2,400 per year.*

Dak affermat minn Elaine Bartolo jinsab sorrett u kkonfermat kemm mid-dokumentazzjoni esebita mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) flimkien mar-Risposta tieghu[27] u mid-dokumentazzjoni esebita minn Elaine Bartolo stess markata Dok. "EB1" sa' Dok. "EB3" a fol. 190 sa' 243 tal-process.

Minn din ix-xhieda u d-dokumentazzjoni esebita mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) jirrizulta li l-*back duty exercise* jew ahjar *exercises* peress illi saru ben erba' ezercizzji fil-kuntest ta' l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent, li sar ghall-fini ta' l-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorren sar fil-maggor parti tieghu a bazi ta' informazzjoni sottomessa jew provduta mir-Rikorrent stess u in parti a bazi ta' assunzzjonijiet li l-Kummissarju necessarjament kellu jaghmel. Fil-fehma tat-Tribunal huwa proprio ghaliex id-dispkrepanza fl-akkumulu ta' assi tar-Rikorrent rrizultat u baqghet tirrizulta minn ezercizzju li sar fil-maggor parti tieghu a bazi ta' informazzjoni sottomessa jew provduta mir-Rikorrent stess, li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) gustament u legittimament ifforma il-fehma li kien hemm qerq jew evazjoni da parte tar-Rikorrent ghas-snin ta' stima meritu ta' dan l-appell, inkluz ghalhekk is-snin ta' stima 1995 sa' 2002 meritu ta' din id-decizjoni u b'hekk ghadda biex japplika l-Artikolu 30(5) u l-Artikolu 31(7) [ghad illi in verità l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002 ma jistghux jitqiesu bhala preskritti ghaliex inhargu entro t-terminu ta' hames snin mill-Formoli ta' Aggustament sottomessi mir-Rikorrent] tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u hareg il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa meritu ta' din id-decizjoni.

Da parte tieghu r-Rikorrent ma ressaqx prova kuntrarja konvincenti li tissosstanzja l-pretensjoni tieghu li l-Artikoli 30(5) u 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli fil-kaz in ezami u li konsegwentement il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999,

[27] Dok. "GB1" sa' Dok. "GB21" a fol. 35 sa' 174 tal-process.

2000, 2001 u 2002 huma preskritti a tenur ta' l-Artikoli 30(4) u 31(6) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. L-unika argumentazzjoni li avvanza in sostenn ta' dan l-aggravju preliminari tieghu hi li skontu l-investigazzjoni fil-konfront tieghu kellha tinbeda mill-1999 ghaliex ghas-snin ta' qabel kien ghadda wisq zmien u ghalhekk ma kellux id-dokumentazzjoni mehtiega[28]. Meta l-*back duty exercises* inhadmu, kif inghad, fil-maggor parti a bazi ta' informazzjoni sottomessa jew provduta mir-Rikorrent stess, id-difiza tieghu ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-frodi w evazjoni u ta' l-evitar ta' taxxa bi traskuragni jew b'mod konsapevoli, ftit li xejn tista' tregi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa a snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002 ma humiex preskritti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrent u filwaqt li jiddikjara li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa a snin ta' stima 1995, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, 2001 u 2002 ma humiex preskritti, jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

L-ispejjez relattivi ghal din id-decizjoni ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[28] Vide affidavit tar-Rikorrent fol. 185 u 186 tal-process.